# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA’ NHAR IL-ERBGHA, 4 TA' LULJU, 2001

*Avviz. Nru 352/01 AJD*

Alberta Fire Fighting & Security Equipment Limited

vs

Gallina Aparthotel Limited

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Mejju, 2001, fejn is-socjeta' attrici talbet li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' sebgha u disghin liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm97.75) bhala bilanc ta' prezz tas-servizz ta' manutenzjoni rezi mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta. Minkejja diversi interpellazzjonijiet biex thallas is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Kathleen Zarb Adami in rappresentanza tas-socjeta' attrici li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebgha u disghin liri Maltin u hamsa u sebghin centezmi (Lm97.75).

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR